MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 2148/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Settembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' Gunju 1999 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg numru 966/1999 (Dok. "A");

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalitajiet tal-konvenut li fix-xorti

taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewga ta' bejniethom;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dan iz-zwieg huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-konvenut kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal dawn l-ahhar erba' xhur;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Gunju 1999 ma jiswiex u huwa null ghar-ragunijiet migjuba hawn fuq, jew ghal xi wahda jew aktar minn dawk ir-ragunijiet, skond l-**artikolu 19 (1), (c), (d) u (g) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa mharrek biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo ta' l-14 ta' Gunju 2001; ta' l-20 ta' Settembru 2001 u tal-11 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza dejjem baqghet ghan-notifika tal-konvenut.

Rat l-avviz tal-5 ta’ April 2002 tal-Qorti diversament presjeduta fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2002; tat-12 ta’ Dicembru 2002; ta’ l-20 ta’ Frar 2003 fejn il-kawza dejjem giet differita ghan-notifika tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet kancellata;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-22 ta’ Mejju 2003 fejn talbet li l-kawza tigi riappuntata;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Mejju 2003 fejn l-attrici giet ordnata li tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien tletin (30) gurnata;

Rat in-nota ta’ l-attrici tas-26 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghar-riappuntament tal-kawza u rriappuntat l-istess kawza ghas-26 ta’ Novembru 2003;

Rat li l-konvenut kien notifikat bl-affidavit ta’ l-attrici fit-3 ta’ Lulju 2003 *a tergo* 28 tal-process;

Rat li l-konvenut kien notifikat bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza ghad-19 ta’ Settembru 2003 *a tergo* ta’ fol. 29 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits bi zmien tletin (30) gurnata ohra u l-kawza thalliet ghan-notifika tal-konvenut ghad-19 ta’ Frar 2004.

Rat li l-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u l-avviz ghas-smigh fit-30 ta’ Jannar 2004 u dan fl-indirizz Block H, Flat 5, Triq il-Lellux, Santa Lucia, u dan billi kopja ta’ l-istess citazzjoni u avviz tas-smigh tal-kawza inghata lilu

personali, u dan kollox skond riferta *a tergo* ta' fol. 32 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Frar 2004 fejn il-konvenut prezenti nforma lill-Qorti li kien se jqabbad avukat;

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fis-16 ta' April 2004 fejn talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 19 ta' April 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna li tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 2005 fejn il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors ta' l-attrici *in vista* tal-verbal tal-15 ta' Frar 2005;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2004 fejn Dr Chris Soler ta ruhu b'notifikat bir-rikors tal-konvenut datat 16 ta' April 2004 u oppona ghall-istess. Dr David Camilleri nforma lill-Qorti li baghat ghall-klijent tieghu biex jaghmel l-affidavit kif ordnati izda l-klijent mar biss il-gurnata ta' qabel. Il-Qorti estendiet it-terminu ta' l-affidavit tal-konvenut ghall-ahhar darba b'hamest ijiem minn dakinhar. Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tiffissa seduta ghall-konkluzzjoni tal-provi tal-partijiet dwar ir-rikors ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-19 ta' Ottubru 2004.

Rat ir-risposta ta' l-attrici ghar-rikors tal-konvenut;

Rat in-nota tal-konvenut li biha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju fit-30 ta' Settembru 2004 fejn xehdu il-konvenut (a fol. 42) u l-attrici (a fol. 48);

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Ottubru 2004; u tal-15 ta' Frar 2005 fejn Dr Chris Soler irtira r-rikors tad-19 t'April 2004 u l-Qorti ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni

tieghu. Dr David Camilleri u l-konvenut imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenut ghas-16 ta' Marzu 2005;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) Provi Prodotti.

Illi fl-affidavit tieghu **B** xehed li ma jafx jaqra bil-Malti. Huwa qal li jiftakar li mar marixxal id-dar u kien hallielu ftit karti. Ftakar id-data ta' l-ewwel seduta u fil-fatt tela' l-Qorti. Peress li ma jafx jaqra ma kienx jaf x'kawza kienet. Kien biss waqt dik is-seduta li nduna li kellu jqabbad avukat.

Illi huwa kompla li dak iz-zmien li rcieva l-karti huwa u martu kienu ghaddejjin minn fazi tajba fiz-zwieg taghhom. Kienu qed jghixu flimkien u ghalkemm kien hemm problemi qabel, dak iz-zmen kienu qed jippruvaw jirrangawhom. F'dawk ic-cirkostanzi aktar ma setax jimmagina li martu kienet bdiet kawza ta' annullament u kienet bi hsiebha tkompliha. Kien ghalhekk li ma wegibx u jixtieq iwiegeb ghax ma jhossx li z-zwieg tieghu ghandu jigi dikjarat null.

Illi in kontro-ezami xehed li ghalkemm huwa jifhem bil-Malti pero` mhux kollox. Ma' martu jikkomunika bil-Malti u xi kultant bl-Gharbi wkoll. Martu titkellem ftit bl-Gharbi. Illi b'referenza ghall-verbal tad-18 ta' Frar 2004 minn fejn jirrizulta li huwa kien prezenti u li gie nfurmat mill-Qorti li kellu jqabbad avukat meta mistoqsi jekk qabbadx avukat qal li dakinhar ma kienx fehem sew. Huwa kompla li qatt ma dahal il-Qorti. Huwa qal li fehem li kien fit-tard u li kellu jqabbad avukat.

Illi fir-rikors tieghu tas-16 ta' April 2004 intqal li *"inoltre' l-attrici minn naha taghha ma taghtu l-ebda ndikazzjoni li*

*kienet bi hsiebha tipprosegwixxi b'dawn il-proceduri u li konsegwentement kellu jfittex avukat"* u ntalbet spjegazzjoni ta' dan mill-konvenut. Huwa xehed li dak iz-zmien huwa u martu kienu qed jghixu hajja normali. Huwa ma jaqbilx li martu dejjem qaltlu li kellha l-intenzjoni li tissepara. Huwa xehed li meta mietet omm martu kellhom ftit inkwiet u nfirdu. Pero` mbaghad regghu bdew ighixu flimkien.

Illi huwa cahad li sabiex itawwal il-proceduri beda` jevita li jigi notifikat tant li huwa kien qed jghix maghha fl-istess post. Mistoqsi wkoll li ghalkemm isostni li kien qed jghix maghha huwa fil-fatt kien jaghmel iljieli shah barra huwa rrisponda li xogholu huwa li jahdem bil-lejl u cahad li seta' kien qed jorqod ma' xi tfajla ohra. Huwa jahdem f'*bar* u jiehu hsieb li jiftah u jaghlaq il-hanut. Suppost jahdem mis-sebgha ta' filghaxija sa l-erbgha ta' filghodu pero` jekk ikun hemm in-nies jibqa'. Matul il-gurnata jorqod. Mhux minnu li kien hemm hafna drabi li martu telqet ghax-xoghol u huwa kien ghadu ma wasalx. Qabel li kien ghamel jumejn fejn ma raqadx id-dar u martu ma kienitx taf fejn kien ghax qal li hija kienet haditlu rasu.

Illi in ri-ezami qal li dakinhar tad-19 ta' Frar 2004 meta deher quddiem il-Qorti l-ewwel darba, huwa u martu gew il-Qorti mid-dar fl-istess karozza. Dakinhar martu ma kienitx qaltlu li riedet titilqu imma li jridu jirrangaw u baqghu jghixu flimkien. L-inkwiet inqala' wara April meta martu qalet li ghamlilha s-sikkina ma' ghonqha (dan huwa cahdu). L-inkwiet li semma' li nqala' wara l-mewt ta' ommha kien minhabba li missierha ma riedux.

Illi l-**attrici** kkonfermat li qabel Frar 2004 hija u l-konvenut kienu qed jghixu flimkien. Hija kienet qalet lil zewgha li jekk ma kienx ser isolvi l-problema tax-xorb u titranga l-komunikazzjoni bejniethom hija kien bi hsiebha tkompli ghall-annullament. Hija sostniet li meta dehru l-Qorti zewgha fehem ghax huwa kien ilu jaf li riedet tissepara izda ghalih xejn mhu xejn u ma hadhiex bis-serjeta'.

Illi in kontro-ezami qablet li meta dehru fis-seduta tad-19 ta' Frar 2004 huma kienu ghadhom qed jghixu flimkien u

in fatti kienu gew bl-istess karozza. Huma damu jghixu flimkien sa April. Ma qablitx pero` li kienu qed jippruvaw jirrangaw l-affarijiet ghax hija ma rieditx tirranga.

Illi mis-sena 2000 sa 2004 qatt ma hadet passi biex tkeccieh mid-dar. Sena wara li mietet ommha regghet irrangat mieghu ghax kien qata' l-problema tax-xorb u hija kienet spiccat wahedha. Wara sitt xhur li rrangaw rega' mar lura d-dar fis-sakra u kien hemmhekk li hi kkonvinciet ruhha li ma setghux jghixu aktar flimkien. Is-separazzjoni bdietha issa. Qabel April 2004 hija qatt ma hadet passi biex huwa jitlaq mid-dar izda kienet tghidlu biex jitlaq bil-kwiet. Hija qablet li huwa ma jafx jaqra bil-Malti jew almenu qatt ma wrieha li jaf. Huwa jaf jaqra bl-Ingliz.

**(ii) <u>Ligi u Gurisprudenza.</u>**

Illi skond l-**artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha."*

Illi din il-Qorti gja' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et"** (Cit. Nru. 1302/97/RCP) deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri ta' l-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li minn naha wahda l-Qorti trid ikollha konvinciment morali ta' l-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u minn naha l-ohra ma jridx ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-*culpa* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* (Appell. **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"**) deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet"** (P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451)

sostniet li l-**artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja ta' l-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippostula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna nteressata timxi proceduralment mod iehor) ma jippreкludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevih, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut.

Illi nfatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

*"Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … anke ghax ma jistax ikun hemm culpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Illi dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philipov vs Paul Stoner f'ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Cit. Nru. 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998) u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili."*

8. L-impossibbilta' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

9. **(Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).**

*“Dawn il-principji ghandhom pero’ jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta’ din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta’ l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta’ dixxiplina lejn l-awtorita’ tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta’ rispett lejn l-awtorita’ taghha*” (*vide* **“Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et”** deciza P.A. (RCP) 21 ta’ April 1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **“Rita Schembri nee’ Calleja vs Mario Schembri”** (P.A. (RCP) 26 ta’ Gunju 2003 fejn inghad li l-istess principji japplikaw ghall-kawzi tal-familja, sew f’kazijiet ta’ separazzjoni, jew annullamenti taz-zwieg, jew ghal kull kawza ohra tant li nghad is-segwenti:-

*“Veru li din hija kawza ta’ annullament taz-zwieg, pero’ wkoll ma hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja huma l-istess ghal kull kawza, kemm jekk din titratta dwar l-ligi tal-familja, u kemm jekk hija kawza ohra ta’ natura civili jew kummercjali, u dan ghaliex l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fir-rigward, kif wkoll lanqas taghmel din id-distinzjoni jew differenza ta’ trattament l-gurisprudenza nostrali.”*

Illi f’dan il-kuntest huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Apell fil-kawza fl-ismijiet **“Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi”** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta’ Lulju 2001 fejn inghad is-segwenti:-

*“Indubbjament l-istutut ta’ kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma’ l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort’ohra tieghu. Hu istitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta’ kontumelja u disprezz da parti ta’ min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex.*

*Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri.*

*Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha l-atitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien rejalment il-htija tat-tifrik taz-zwieg."*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati fis-sentenza **"Myriam Causon vs Nicholas Falzon"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2003) u f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti.

**(iii) <u>Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi l-konvenut qed jallega li ghalkemm huwa gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici huwa ma rrispondiex ghall-istess peress li ma jafx jaqra bil-Malti. Kif ukoll ghax f'dak il-perjodu l-kontendenti kienu rrikonciljaw xi differenzi li kelhom u kienu qed jghixu l-hajja matrimonjali taghhom b'mod normali. Infatti hu gie notifikat fl-indirizz ta' l-attrici. Huwa sostna li l-attrici ma tatu l-ebda ndikazzjoni li kienet bi hsiebha tkompli bil-proceduri. Huwa ftakar id-data ta' l-ewwel seduta u fil-fatt tela' l-Qorti u kien biss waqt l-istess li nduna li kellu jqabbad avukat.

Illi din il-Qorti thoss li l-konvenut irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u dan peress li jirrizulta li n-nuqqas

tieghu li jirrispondi fit-terminu moghti lilu ghall-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet kien dovut ghal xi haga ndipendenti mill-volonta’ tieghu. Dan qed jinghad peress li gie ppruvat li huwa ta’ nazzjonalita’ Libjana u jidher li huwa ma kienx jaf jaqra bil-Malti. Jirrizulta li allura huwa ma fehemx dak li kien qed jigi indikat lilu fl-istess atti gudizzjarji u allura ma kellux l-opportunita’ kollha li jkun jaf x’fih l-istess inkartament ufficjali u allura lanqas kien f’pozizzjoni li jiddefendi l-interessi tieghu skond kif stipulat fl-istess inkartament, u dan inkluz it-terminu hemm indikat.

Illi jidher li kull ma zamm quddiem ghajnejh kien id-data meta kellu jidher ghall-kawza u fil-fatt deher il-Qorti fid-19 ta’ Frar 2004 fejn huwa nforma lill-Qorti li kien ser iqabbad avukat – izda l-ironija hija li peress li huwa gie notifikat fit-30 ta’ Jannar 2004, dan kien ifisser li kien vicin ferm it-terminu sabiex jikkontesta l-istess kawza attrici fit-terminu preskritt mill-ligi ta’ ghoxrin (20) gurnata minn notifika.

Illi pero’ bil-prezenza tieghu quddiem il-Qorti huwa wera’ bic-car li huwa kien behsiebu jikkontesta l-istess kawza, u wkoll li kien ser jiehu l-mezzi necessarji sabiex jikkawtela l-interessi tieghu, ghalhekk jirrizulta li huwa ma kienx realment konxju tal-fatt li kellu terminu sabiex jaghmel dan. Huwa veru li r-rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja sar biss fis-16 ta’ April 2004 u l-affidavit tal-konvenut, konsegwenti ghad-digriet ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ April 2004, gie prezentat biss fit-18 ta’ Mejju 2004, izda din il-Qorti xorta thoss li sa dak il-mument l-istess konvenut ma kienx jaf, proprju anke minhabba l-lingwa, it-termini sabiex jkujn jista’ jiddefendi l-kaz tieghu skond il-ligi Maltija, u jinghad li ghall-korrettezza, hadd ma kien semmielu t-terminu applikabbli.

Illi fil-fatt huwa kkonfermat anke mix-xhieda tieghu li fil-mument li huwa deher il-Qorti l-ewwel darba kien gja gie spjegat lilu li huwa kien diga tard. Din is-sitwazzjoni hija wkoll ingarbuljata mill-fatt, li hareg car mix-xhieda, li l-partijiet odjerni kien f’dak iz-zmien meta l-konvenut deher il-Qorti l-ewwel darba bhal speci qed jirrikonciljaw ghaliex il-partijiet kienu qed jghixu flimkien, tant li gew il-Qorti fl-istess karozza ghas-seduta tad-19 ta’ Frar 2004. Dan il-

fatt ukoll, (minkejja dak li tallega l-attrici, u li din hija kawza ta' annullament taz-zwieg u mhux ta' separazzjoni) ghandhom ukoll jissarfu bhala punti favut il-konvenut, u din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u ghalhekk ghandu jinghata l-fakolta' li jipprezenta nota ta' eccezzjoni u jiddefendi l-kawza li saret kontra tieghu, anke b'applikazzjoni tal-principju *"audi alteram partem".*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **b'riferenza ghar-rikors tal-konvenut datat 16 ta' April 2004 sabiex huwa jiggustifika l-kontumacja tieghu u jinghata fakolta' li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet,** din il-Qorti filwaqt li tichad ir-risposta ta' l-attrici datata 19 ta' Mejju 2004, **tilqa' t-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu datat 16 ta' April 2004 u tiddikjara li l-istess konvenut irnexxielu jiggustifika l-kontumacja tieghu u ghalhekk taghtih id-dritt li jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.**

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------